***- SPOLL -***

# IL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 23 ta’ Ottubru, 2001**

**Kawza Numru: 23**
**Citazzjoni Numru: 2152/99/RCP**

**Brittania Catering Company Limited.**

**vs**

**Pupa Holdings Limited u Carmen Sant.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 tal-process fejn l-attur ippremetta:-

Illi s-socjeta' attrici permezz ta' kuntratt datat 26 ta' Lulju 1994 in atti tan-Nutar Carmel Mangion, kienet akkwistat minghand is-socjeta' Tor Limited porzjoni ta' art diviza gewwa San Tumas, Wied il-Ghajn bil-kejl ta' elfejn, tmien mija u hamsin metru kwadru (2,850 m.k.).

Illi s-socjeta' attrici ricentement ghamlet *survey* fuq l-art taghha u sabet li l-konvenuti jew min minnhom illegalment u abbuzivament okkupaw parti mill-art tas-socjeta' attrici kif jidher ahjar mill-pjanta hawn annessa.

Illi l-konvenuti mhux qeghdin ihallu lis-socjeta' attrici milli tuza l-art taghha.

Illi l-kovenuti jew min minnhom gew interpellati sabiex jirrestitwixxu lis-socjeta' attrici bil-pussess tal-art taghha izda naqsu milli jaghmlu dan.

Illi l-istess socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll fil-konfront tas-socjeta' attrici; u

2. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju jirrintegraw lis-socjeta' attrici bil-pussess ta' dik il-parti tal-art taghha li giet okkupata mill-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 3 tal-process.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 8 tal-process fejn ecceppew:-

(1) Illi l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt:-

(a) Illi fl-ewwel lok Carmen Sant hija inkorrettament citata billi l-art in kwistjoni tappartjeni lis-socjeta' Pupa Holdings Limited u mhux lilha personalment u ghalhekk hija ghanda tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

(b) Illi fir-rigward ta' Pupa Holdings Limited din ma kkomettiet ebda spoll fil-konfront tas-socjeta' attrici; l-art in kwistjoni fil-fatt kienet dejjem fil-pussess l-ewwel ta' Carmen Sant u mbaghad wara li sar il-kuntratt ta' bejgh bejn is-socjeta' Tor Limited u s-socjeta' Pupa Holdings Limited, dik l-istess art ghaddiet fil-pussess ta' l-istess socjeta' konvenuta Pupa Holdings Limited. Ghalhekk l-ebda wahda mill-konvenuti ma kkometta l-ebda spoll fir-rigward ta' l-art in kwistjoni billi ilhom fil-pussess ta' din l-art minn zmien twil anke precedenti l-1994.

(c) Illi fi kwalsijasi kaz is-socjeta' Pupa Holdings Limited, xtrat l-art in kwistjoni minghand Tor Limited u ghalhekk is-socjeta' Tor Limited ghandha tigi imsejha fil-kawza biex tiddefendi l-posizzjoni taghha.

(d) Illi inoltre jigi eccepiet li s-socjeta' attrici tappartjeni ghall-Joseph Pace li kellu nofs l-ishma ta' Tor Limited u t-trasferiment tal-proprjeta' lill-Pupa Holdings Likited, saret bil-kunsens u taht il-firma tal-istess Joseph Pace ghan-nom tas-socjeta' Tor Limited u ghalhekk l-azzjoni issa minnu ittentata hija wahda frawdolenta u lesiva tad-drittijiet li huwa stess xjentement biegh lill-konvenuti u ghalhekk insostenibbli billi effetta mill-element ta' frodi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 9 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda u dokumenti esebiti minn fol. 10 sa fol. 15 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta' Novembru 1999, 3 ta' Frar 2000, 12 ta' April 2000, 24 ta' Mejju 2000, 11 ta' Lulju 2000, 6 ta' Dicembru 2000, 1 ta' Marzu 2001, 25 ta' April 2001, u 6 ta' Gunju 2001 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-23 ta' Ottubru 2001.

Rat l-affidavits attrici ppresentati b'nota datata 16 ta' Mejju 2000 bid-dokumenti kollha esebiti minn fol. 20 sa fol. 45 tal-process, inkluz l-affidavit ta' Joseph Pace datat 16 ta' Mejju 2000 a fol. 21 u 22 tal-process.

Rat ix-xhieda in kontro-ezami ta' Joseph Pace fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2000 a fol. 47 sa fol. 58 tal-process.

Rat in-nota tal-affidavits tal-konvenuti ppresentata fil-11 ta' Lulju 2000 a fol. 70 tal-process fejn hemm l-affidavit tal-konvenuta datat 10 ta' Lulju 2000 minn fol. 71 sa fol. 73 tal-process, u dak ta' Ronald sive Ronnie Pellegrini datat 10 ta' Lulju 2000 wkoll a fol. 74 sa fol. 75 tal-process b'dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit tan-Nutar Tonio Spiteri datata 16 ta' Ottubru 2000 a fol. 79 tal-process.

Rat ix-xhieda in kontro-ezami ta' Carmen Sant tas-6 ta' Gunju 2001 a fol. 87 tal-process.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat id-dokumenti kollha tal-kawza u x-xhieda moghtija mill-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Gunju 2001 fejn id-difensuri qabblu li l-kawza tista' tibqa' differita ghas-sentenza, semghet it-trattazzjoni tal-istess difensuri w il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-23 ta' Ottubru 2001.

**II. MERTU TAL-KAWZA.**

Illi din hija kawza ta' spoll ipprivilegjat fejn s-socjeta' attrici qed issostni li l-konvenuti jew min minnhom ikkomettew att ta' spoll fil-konfront tas-socjeta' attrici u dan billi allegat li l-istess konvenuti okkupaw illegalment parti mill-art tas-socjeta' attrici, liema art kienet akkwistata mis-socjeta' attrici permezz ta' kuntratt datat 26 ta' Lulju 1994 fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion, u ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet li tinghata dikjarazzjoni li l-istess konvenuti kkomettew spoll u sabiex konsegwentement s-socjeta' attrici tigi re-integrata fil-pussess tal-istess art.

Illi l-istess konvenuti qed jikkontestaw dan stante li qed issostnu li l-konvenuta Carmen Sant dejjem kienet in pussess tal-istess art, sakemm l-istess art kienet giet trasferita mis-socjeta' Tor Limited lis-socjeta' konvenuta Pupa Holdings Limited, u ghalhekk l-istess konvenuti ilhom fil-pussess tal-istess art minn 1994.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI.

Illi l-azzjoni odjerna hija dik ta' spoll *ai termini* tal-**Artikolu 534 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghaliha japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li a bazi tal-istess l-elementi essenzjali tal-ispoll huma:-

i) *possedesse*
ii) *spoliatium fiusse*
iii) *infre bimestre deduxisse*.

Illi ghalhekk sabiex tirnexxi l-istess azzjoni ta' spoll, tali tlett rekwisiti jridu jigu ppruvati mill-attur, pero` dak li jrid jigi ppruvat huwa pussess ta' liema xorta jkun, anke naxxenti minn kawza ingusta ("**Cassar vs Cassar**" - Vol. XXXVIII.I.123), anke prekarju ("**Vincent Chircop vs Emanuel Galea**" **-** VBC. 26.06.1987); u anke pussess qasir ("**Kan. Salvatore Ellul vs Kan. Gius. Farrugia**" - Vol. XXXVII.II. 642).

Illi in effetti intqal fis-sentenza "**Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri pro et nomine**" (A.C. 26 ta' Jannar 1996 - XXXVII.I.280) ribadit fis-sentenza ta' din il-Qorti "**Natalino Agius et vs Antonia Said**" (13 ta' Jannar 1999 - Citaz. Numru 2426/97/RCP):-

*"illi huwa bizzejjed pussess kwalunkwe anke purament materjali u di fatto - b' dan li l-attur ghandu jipprova li ghandu 'un possesso di fatto'. L-atti ta' mera tolleranza ma jistghux iservu ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess."*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza "**Joseph Vella proprio *et nomine* vs Salvu Micallef**" (P.A. JSP 30 ta' April 1991 - LXXV. III. 695) fejn sostniet illi:-

*"Ghall-azzjoni ta' spoll huwa bizzejjed li l-persuna spoljata tigi mnezza mill-pussess ta' liema xorta jkun. U dan jinghad mhux biss ghan-natura ta' pussess, izda anke ghaz-zmien. Anki pussess qasir hafna u sahansitra pussess momentarju huwa bizzejjed sabiex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll".* ("**Kan. Salvatore Ellul vs Kan Giuseppe Farrugia**" **–** 7 ta' Frar 1953. A.M. - XXXVII.II.642).

Illi fil-fatt huma diversi s-sentenzi li jghidu li tali azzjoni hija ta' natura ta' ordni pubbliku, tant li fis-sentenza "**Dentist Pasquale Demajo vs Michael Mallia noe**" (JDC - 9 ta' Dicembru 1993 - Vol. LXXVII.IV.359) li mxiet fuq dak li gie ritenut fis-sentenza "**Francesco Mifsud vs Michele Cassar**" (A.C. 8 ta' Marzu 1943 - Vol. XXXII.I.296) li sostniet illi:-

*"L-azzjoni ta' spoll gejja mid-dritt Ruman, "de vi et clandestina possessione" kienet sensibilment modifikata mid-Dritt Kanoniku u fid-Dritt Sikulu. Id-Dritt Kanoniku introduca l-principju "spoliatus ante omnia restituendus", ibbazata fuq il-konsiderazzjoni ta' ordni pubbliku illi dak li jigi spoljat vjolentament jew klandestinament, ghandu jigi difiz mit-tribunali, u min ikun ghamel dak l-ispoll ma jkunx jista' jgib ebda difiza".*

Illi tal-istess skorta huma s-sentenzi "**Elisia Cesareo vs Victor Trapani**" (26 ta' Gunju 1950 - XXXIV.II.594) u "**Giuseppe Muscat vs Assunta Farrugia**" (24.11 - XLII.897). Huwa ghalhekk ma humiex ammessibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji ("**Margherita Fenech vs Paula Zammit**" (P.A. 12 ta' April 1958 - XXLI.D. 973); ("**Carmelo Sacco vs Paul Sacco**" **-** A.C. 23 ta' Jannar 1998).

Dawn il-principji gew ilkoll segwiti mis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet "**C. Fino & Sons Limited vs Marketing & Consultancy Limited**" (Citaz. Nru. 1596/98/RCP deciza fl-1 ta' Lulju 1999) u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri et nomine**" (Citaz. Numru 1704/98/RCP deciza 29 ta' April 1999) fejn ghalihom qed issir riferenza u ghas-sentenzi hemm citati fosthom is-sentenza "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (P.A. FGC - 12 ta' Gunju 1998) li sostniet li ghalhekk:-

*"Il-ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma taghtix lok ghal ebda indagini ohra barra minn dak li tistabilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab fl-ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk bir-rispett kollu ghad-decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi w awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" ("**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone**" - A.C. 9 ta' Marzu 1992); ("**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**" **-** 23 ta' Ottubru 1998).

## IV. PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' Tor Limited, li taghha Joseph Pace, (wkoll rappresentanti illum is-socjeta' attrici) kien direttur, kienet akkwistat minghand is-socjeta' Tristar Limited b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri datat 2 ta' Marzu 1981, u permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Antoine Agius datat 19 ta' Ottubru 1984 zewg porzjonijiet divizi ta' art hemm dettaljatament deskritti rispettivament f'Marsascala.

Illi parti diviza mill-istess art konsistenti f'2,850 m.k. b'access minn Triq Ridott, Marsascala giet trasferita b'titolu ta' *datio in solutum* lis-socjeta' Luqa Developments Limited

u parti ohra konsistenti f'2,850 metri kwadri giet trasferita wkoll b'titolu ta' *datio in solutum* lis-socjeta' attrici, liema art tinsab fi Triq Ridott, konfinanti Tramuntana mat-triq, min-Nofs in-nhar u Majjistral ma beni tas-socjeta' TOR Limited kif indikat bl-ittra "A" fuq il-pjanta annessa mal-istess kuntratt u esebita f'dawn l-atti a fol. 40 tal-process, u dan b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion datat 26 ta' Lulju 1994 (Dok. "C" – fol. 35 sa 39).

Illi sussegwentement b'kuntratt datat 15 ta' Gunju 1999 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri s-socjeta' Tor Limited bieghet lis-socjeta' konvenuta Pupa Holdings Limited l-Villa numru wiehed (1) bl-isem ta' 'Kiki' fi Triq ir-Ridott, Marsaskala inkluz l-gonna ta' madwarha, tal-kejl superficjali ta' 3,834 metri kwadri u inghad ukoll li *"jekk jirrizulta kejl superficjali aktar minn dak fuq imsemmi l-kejl addizzjonali li jirrizulta qed jigi trasferit ukoll minghajr ebda zieda fil-prezz, konfinanti kollox flimkien mit-tramuntana mal-imsemmija triq, Grigal ma beni ta' Marsascala Developments Limited, Xlokk ma xatt il-bahar, Lbic ma beni ta' Luqa Developments Limited u Majjistral ma' beni ta' Brittania Catering Limited..."* Dan kollu jinsab deskritt fil-pjanta annessa mal-istess kuntratt immarkata bhala Dok. "X" a fol. 45 tal-process.

Illi skond l-istess **Joseph Pace** fl-affidavit tieghu tas-16 ta' Mejju 2000, huwa qatt ma resaq lejn l-art li kien akkwistat

is-socjeta' attrici fis-26 ta' Lulju 1994 ghaliex skond huwa kienet avzat biex ma jersaqx hemm minn Lorry Sant, ir-ragel illum mejjet tal-konvenuta, tant li wara l-mewt tal-istess huwa kien avvicina lill-konvenuta sabiex hija tixtri l-art u l-villa li skond huwa kienet qeghda llegalment tokkupa bla titolu stante li din l-art u villa kienu ghadhom proprjeta' ta' Tor Limited li taghha l-istess Joseph Pace kien ukoll direttur. Illi fil-fatt l-art hekk okkupata mill-istess Carmen Sant giet trasferita lis-socjeta' Pupa Holdings Limited bil-kuntratt  premess datat 15 ta' Gunju 1999 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri, u b'hekk l-istess konvenuta baqghet tokkupa l-istess art hemm deskritta fl-istess kuntratt.

Illi l-istess Joseph Pace kompla jghid li wara l-istess kuntratt huwa mar sabiex ikejjel l-art li kienet akkwistat s-socjeta' attrici bil-kuntratt tas-26 ta' Lulju 1994, u baghat is-*surveyor* tieghu Albert Callus, li kien dirett minn fejn ikejjel mill-konvenuta, u wara li sar il-kejl skopra skond huwa li l-istess konvenuta u s-socjeta' konvenuta kienu hadulu l-art tas-socjeta' attrici minnu rappresentata illegalment u ghalhekk ghamel din il-kawza.

Illi in kontro-ezami l-attur Joseph Pace kkonferma li l-villa u l-art ta' madwarha trasferita lis-socjeta' konvenuta bil-kuntratt tal-15 ta' Gunju 1999 dejjem kienet okkupata minn Lorry Sant u martu, u l-istess Joseph Pace sostna w ammetta li huwa qatt ma dahal fl-istess art ghaliex ma

setghax jidhol minhabba li kien hemm hajt, li xi zmien wara l-kuntratt kisser u fetah bieb u beda jidhol ghaliha, ghalkemm sostna li bil-kejl mill-istess hajt huwa sab li kellu 400 metru inqas milli suppost kellu skond il-kuntratt tal-1994, u f'din l-area hemm gageg abbandunati u imbarazz u ovvjament minhabba l-istess hajt huma inkorporati mal-art attwalment okkupata mill-istess konvenuta.

Illi min-naha l-ohra **l-konvenuta** sostniet li hija u zewgha kienu ilhom jokkupaw l-istess art, murija skond pjanta minnha esebita a fol. 76 tal-process, mis-sena 1984 ghalkemm l-art kienet dejjem registrata f'isem is-socjeta' Tor Limited, u hekk baqghet sakemm Piju Camilleri wara l-mewt ta' zewgha ghamel hajt, li dwarhu ghamlet kawza ta' spoll kontra l-istess. Saret kawza minnha wkoll kontra l-istess Tor Limited u Luqa Developments Limited u Brittania Catering Limited sabiex jigi dikjarat li l-istess art kollha kienet in effett taghha biss u fil-mori tal-istess lahqu arrangament abbazi ta' liema hija akkwistat azzjonijiet mis-socjeta' Pupa Holdings Limited, u l-art in kwistjoni giet trasferita lill-istess socjeta' bil-kuntratt premess tal-15 ta' Gunju 1999. Sa dak in-nhar la Piju Camilleri u lanqas Joseph Pace qatt ma dahhlu fl-art minnha okkupata sa mill-1984. Wara indunat li s-surveyor tas-socjeta' attrici kien gie biex jaghmel survey, u l-konvenuta ndikatlu l-marki li kien ghamel huha bhala surveyor u qaltlu li minn tali marki kellu jaghmel ix-xoghol tieghu u hekk sar. F'xi zmien

wara l-istess konvenuta indunat li haddiema tas-socjeta' attrici kienu qed ihottu l-gallinari sabiex jaghmlu cint izjed l-gewwa minn fejn kien hemm tali marki u waqqfithom u ma sar xejn izjed hlief din il-kawza. F'din l-istess bicca art hemm zewg *generators*, tank kbir tad-diesel u *main switch* tad-dar kollha.

Illi x-xhud **Ronald Pellegrini** kkorobora dan kollu u wkoll li l-pjanti tal-kuntratt tal-15 ta' Gunju 1999 kienu gew approvati minn Joseph Pace u Piju Camilleri, diretturi ta' Tor Limited li tnejn qabblu dwarha tant li sar il-kuntratt. Tali pjanta inghatat lilhom mill-istess xhud addirittura erba' (4) gimghat qabel il-kuntratt. Fil-fatt tali art, skond l-istess xhud dejjem baqghet f'idejn l-istess konvenuta sallum.

Illli **n-Nutar Tonio Spiteri** kkonferma wkoll li fid-data meta sar l-istess kuntratt tal-15 ta' Gunju 1999, l-villa u l-art hemm deskritta u murija skond il-pjanta "X" annessa mal-istess kuntratt, kienet attwalment okkupata mill-istess konvenuta, u li l-istess Joseph Pace fost il-partijiet l-ohra, anke fil-presenza tal-konsulenti legali taghhom, kienu qabblu mal-istess pjanta.

## V. APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwankwe, w addirittura ammess minn Joseph Pace, direttur u

rappresentant tas-socjeta' attrici, li l-art in kwistjoni konsistenti fil-proprjeta' kollha indikata fil-kuntratt tal-15 ta' Gunju 1999 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri, murija wkoll fil-pjanta Dok. "X" annessa mal-istess kuntratt, kienet attwalment okkupata mill-istess konvenuta Carmen Sant, kif fil-fatt ghadha hekk okkupata sallum; fil-fatt l-istess konvenuta ilha tokkupa l-istess art mis-sena 1984, f'dak iz-zmien flimkien ma zewgha Lorry Sant, illum mejjet, u kienet dejjem uzata bhala residenza taghhom, kif fil-fatt il-konvenuta ghadha tuza ghall-istess skop sallum.

Illi fil-fatt jirrizulta konkludentement li l-istess konvenuta qatt ma giet imnezza' min tali pussess, u ghalkemm saru tentattivi minn certu Piju Camilleri u ricentement minn Joseph Pace, anke bhala diretturi tas-socjetajiet Luqa Developments Limited u s-socjeta' attrici rispettivament, sabiex jispoljaw lill-istess konvenuta mill-istess pussess, dawn fil-fatt ma rnexxewx, tant li fl-ewwel kaz sar il-kuntratt precitat mas-socjeta' konvenuta, u fit-tieni kaz stranament kienet is-socjeta' attrici li ghamlet din il-kawza.

Illi dan qed jinghad stante li kienet is-socjeta' attrici li ppruvat tikkommetti spoll ghad-dannu tal-konvenuta u tas-socjeta' konvenuta, proprju wara l-kuntratt imsemmi tal-15 ta' Gunju 1999, pero' l-konvenuta rrezistiet mill-ewwel ghall-istess attentat u baqghet fil-pussess attwali u materjali tal-istess art kollha deskritta fil-kuntratt tal-15 ta'

Gunju 1999, tant li s-socjeta' attrici ghamlet din il-kawza sabiex tiehu cirka 400 metru kwadru mill-istess art, skond ix-xhieda tal-istess Joseph Pace, rappresentant tal-istess socjeta' attrici.

Illi ghalhekk jidher car li l-istess socjeta' attrici ma rnexxilhiex tipprova li hija kellha xi forma ta' pussess materjali w attwali fuq l-istess art mertu tal-kawza odjerna, liema art tifforma parti minn art akbar attwalment akkwistata mis-socjeta' konvenuta bil-kuntratt tal-15 ta' Gunju 1999, anzi mill-provi prodotti jirrizulta konkludentement u definittivament li l-konvenuta dejjem kellha l-pussess tal-istess art almenu minn 1984, u dan huwa ammess addirittura mix-xhieda tal-istess Joseph Pace, anke fl-affidavit u l-kontro-ezami tieghu, li jirrikonoxxi kemm li l-istess art u partijiet indivizi minnha, li jippretendi li huma tieghu nomine, ghadhom sallum fil-pussess tal-istess konvenuta u s-socjeta' konvenuta. Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess huwa sahansitra misteru ghal din il-Qorti kif s-socjeta' attrici ittentat taghmel din il-kawza ta' spoll, stante li hija kompletament minghajr ebda bazi fattwali u legali.

Illi fil-fatt lanqas gie pruvat l-ebda spoll da parte tal-istess konvenuta, ghaliex hija kienet dejjem fil-pussess tal-istess art akkwistata mis-socjeta' konvenuta, u jekk mill-provi jirrizulta li sar tentattiv ta' spoll dan jidher li sar mis-socjeta' attrici, u la mill-konventa u lanqas mis-socjeta' konvenuta.

Illi jekk is-socjeta' attrici tippretendi li l-konvenuta jew is-socjeta' konvenuta qed tokkupa art li hija taghha, certament li l-azzjoni ta' spoll ma hijiex dik idoneja stante li l-azzjoni ta' spoll hija mibnija fuq il-pussess tal-istess art, li jidher mill-provi li sallum l-istess socjeta' attrici qatt ma kellha.

Illi ghalhekk stante li l-elementi ta' pussess u spoll ma gewx ippruvati mis-socjeta' attrici fuq l-art mertu tal-kawza odjerna, din il-Qorti ma ghandha ebda alternattiva hlief li tichad it-talbiet attrici stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

## VI. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tiddeciedi billi **tichad it-talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**23 ta' Ottubru, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Ottubru, 2001.**